## Kap: 7

# REBBIHIN MA’ KRISTU FUQ SATANA

**“Kristu jerhi s-Saltna f’idejn Alla l-Missier,”**

**(1 Kor 15:24)**



**Kristu jkecci x-xitan**

Tirrakkonta 1-istorja illi fis-sena 312, 1-Imperatur Kostantinu mmarcja bl-ezerctu tieghu kontra 1-ghadu Massenzju. Jinghad illi qabel ma Itaqa' mieghu, Kostantinu kellu dehra ta' salib kollu dija fis-sema,bil-kelmiet imdawrin mieghu'. *"***Permezz ta' dan is-salib, inti tirbah***"*. Difatti, il-battalja famuza fuq il-Pont **Milvio** kienet rebha shiha ghal Kostantinu. It-tirann Massenzju, mirbuh, gheb fix-xmara Tevere. Kostantinu allura jidhol rebbieh fil-belt ta' Ruma bhala imperatur, u ftit xhur wara, fi Frar tas-sena 313, johrog 1-editt li bih jaghti liberta shiha lill-insara, biex itemm darba ghal dejjem qrib tliet sekli ta' persekuzzjoni kontra r-religjon nisranija.

### Ir-Rebha tas-Salib

Inhallu ghall-istorici jiddiskutu bejniethom dwar id-dehra tas-salib lil Kostantinu.

Haga hija certa: is-salib ta' Kristu huwa r-rebha definittiva fuq Satana.

Bosta drabi, l-insara jersqu ghandna ghat-talb ta' l-ezorcizmu, u jdumu ma jirrealizzaw li l-ikbar liberazzjoni jehduha meta jifhmu li l-passjoni u l-mewt ta' Gesu huma l-helsien veru u shih taghhom.

Fuq il-Kalvarju, Gesu rebah lil Satana.

Li wiehed jieqaf quddiem Gesu Msallab u qajl qajl jixrob dik il-qawwa li tohrog mill-Kurcifiss, huwa l-ikbar mezz ta' helsien ghal min itturmentata mix-xitan. Sfortunatament dan mhux dejjem huwa facli: jew ghax ix-xitan innifsu jimpedixxi lill-vittma tieghu li tasal ghal dan jew ghax, sforz l-injuranza, il-persuna tippreferixxi talba mill-ezorcista jew addirittura rit minn xi sahhar biex il-helsien takkwistah b'mod izjed malajr u magiku.

Interessanti test li nsibu f'San Pawl-.

"Nghallmu l-gherf ta' Alia mohbi f'misteru,

li Alia fassal qabel iz-zmien ghall-glorja tieghu. Ebda wiehed mill-mexxejja ta' din id-dinja ma gharfu;

kieku gharfuh, qatt ma kienu se jsallbu l-Mulej tal-glorja" (1 Kor 2:7-8).

Dan juri illi x-xitan, filwaqt li ghamel minn kollox biex ma jhallix lil Gesu jobdi lil Missieru, kellu parti diretta u attiva fil-mewt ta' Gesu. Dahal f'Guda... dahal fil-qassisin Lhud... dahal fil-poplu li pprefera lil Barabba ghalih... dahal f'Pietru li ttradih... Insomma:

Satana ried jehles minnu, u forsi ma kienx qed jirrealizza x'kien ser ifisser ghalih dak is-salib. Kif nghidu bil-MaIti, ma tantx kien imniehru twil, u hares biss sakemm kien ilahhaqlu!

Difatti fuq il-Kalvarju, sehhet il-glieda kolossali bejn Kristu u Satana: hemm Kristu rebah ghal dejjem... u Satana tilef ghal dejjem... Ir-rebha ta' Gesu issigillat il-helsien definittiv taghna.

B 'ghajnejna fissi fuq Gesu (ara *Lhud 12:2),* b'certezza li Huwa rebah (ara *Lq 11:22)* u li ahna wkoll irbahna mieghu, u noqoghdu gurnata fuq it-tron tieghu (ara *Apok 3:21),* ejjew ma naqtghux qalbna.

Satana u l-alleati tieghu, ghalkemm jafu li huma telliefa, madankollu qed ikomplu jiggieldu kontra wlied id-dawl, sat-tieni migja ta' Gesu fostna, meta allura Gesu jirritorna s-Saltna lil Missieru (ara *1 Kor 15:24).* Ix-xitan jaf li ftit jonqsu biex jigi mitfugh definittivament fl-infern fejn kull attivita tieghu fostna tintemm (ara *Apok 12:12),* u fid-disperazzjoni tieghu, qed jaghmel minn kollox biex jipprova jigborna mieghu. Imma s-salib ta' Kristu, jekk ghalih huwa telfien, ghalina huwa rebha. **"Fis-sinjal tas-salib, inti tirbah".**

**Satana Mhawwad**

Darba smajt intervista ma' habsi li staqsewh kif hassu meta fil-qorti sama' s-sentenza ta' kundanna. Wiegeb li tant hassu xxukkjat li storda u baqa' stordut hin sewwa mqar wara li sab ruhu fic-cella, mimdud fuq is-sodda li suppost kellu jorqod fuqha.

Certament, ma nistghux nitkellmu minn din ix-xorta ta' sturdament u xokk fix-xitan

ghax dan huwa spirtu. Imma ma nkunux zbaljati jekk nghidu li quddiem it-telfa li garrab, thawwad izjed minn qatt qabel.

Qabel xejn, ta' min jghid illi l-vera telfa tieghu u ta' l-angli li segwewh kienet meta huma rribellaw kontra Alia u allura gew imkeccijin minn quddiem wiccu. Hawn garrbu t-telfa definittiva li qatghethom minn Alia (1).

Minn dak in-nhar, bdiet telfa fuq ohra. Ghalihom kienet telfa kbira l-holqien tal-bniedem, u izjed u izjed meta Alia holoq komunikazzjoni mieghu u hbiberija. U allura pprova jkisser dan ir-rapport, kif jidher car mill-Genesi.

Telfa ohra kienet l-Inkamazzjoni ta' Gesu. Malajr induna li kienet riesqa d-daqqa mortal! ghalih. U difatti waslet meta Gesu carcar demmu kollu ghall-umanita. Hawn l-imhabba ta' Gesu ghaddiet bil-kbir l-istess mibeghda li x-xitan ghandu. Dan kollu kompla hawdu, iddisprah u rrabjah. Issa dan kollu rridu nharsu lejh fid-dawl ta' verita li forsi ma tantx nahsbu fuqha: in-nuqqas ta' fidi fix-xitan.

Il-fidi hija don moghti **gratis** minn Alia. Mela mhix xi verita li tasal int ghalina bl-intelligenza u d-dawl uman (bniedem) Jew spirtwali (xitan) li jkollok. Ix-xitan jaf hafna veritajiet imma m'ghandux il-fidi dwarhom. Jaf li Gesu hu l-Verb, l-essenza ta' l-Ewkaristija, in-natura ontologika tas-sacerdozju, it-tnissil bla tebgha ta' Marija... Imma: kollox fl-istess hin jibqa' mistur ghalih. Jifhem dak li jista' jifhem bhala spirtu intelligent!, imma d-don tal-fidi ma hux fih.

Immagina dan x'tahwid johloq fih.

Minbarra hekk, wiehed ukoll ma jridx jinsa li x-xitan ihares lejn dawn il-veritajiet b'ribelljoni u mibeghda, u ghaldaqstant dan l-orgolju u din id-distanza minn Alia tkompli ccajpar il-limpidezza tal-mohh u l-kalma tal-qalb biex jifhem dawn il-veritajiet (2).

Ekku ghaliex Satana dejjem jipprova jattakka l-fidi taghna. Mhux ta' xejn il-Knisja, fl-istess rit ta' l-Ezorcizmi, issejjahlu:

*haereticorum doctor* — mghallem ta' eretici.

Wiehed allura jifhem ahjar dak li jrid jghid San Gakbu:

"Inti temmen U Alia huwa wiehed; u taghmel sew. U dan ix-xjaten ukoll jemmnuh, u jitreghdu" (2:19).

Ix-xitan jemmen li Alla jezisti, ghax hekk tghallmu r-raguni. Ahna nemmnu li Alia jezisti, ghax hekk tghallimna l-fidi. Quddiem din ir-realta, lix-xitan nisthajlu bhal wiehed li jintlaqat minn karozza u mad-daqqa jidhol f'koma. Meta johrog minnha, jinduna li jinsab fis-sodda fi stat hazin; jaf li hu marid; imma jitfixkel meta xi hadd jistaqsih x'gara u ma garax. Hekk nisthajjel li jhossu x-xitan - dejjem nitkellmu b'lingwagg uman! - quddiem it-telfa kbira li garrab minn Gesu fuq is-salib.

**Imma... Kristu tassew rebah?**

Bla dubju ta' xejn, jekk inharsu lejn id-dinja u l-bniedem madwarna, facli ndahhiu subghajna f'xagharna u nithawdu. Quddiemna tidher izjed l-attivita kiefra tax-xitan milli d-dehra tat-tajjeb. Gwerer, droga, glied fil-famiiji, sess sfrenat, korruzzjoni,

nuqqas ta' etika f'kollox... Imma fejn huma r-rizultati tar-rebha ta' Kristu? Min ser jikkonvincini li l-princep ta' din id-dinja gie mirbuh u mitfuh 'il barra?!

Iwiegeb 5'. **Tumas d'Aquino**: "skond il-hsebijiet misterjuzi tieghu. Alia jippermetti li x-xitan jinganna lill-bniedem f'certi cirkustanzi ta' zmien u post. Madankollu, bil-passjoni ta' Kristu, il-bniedem jista' dejjem jiddefendi lilu nnifsu kontra l-qerq tax-xitan, anki meta jasal l-Antikrist. Il-fatt li whud jittraskuraw dan ir-rimedju, ma jnehhi xejn mill-qawwa tal-Passjoni" (3).

Huber igib ezempju biex ifisser dan (4). Immagina li jinstab mezz biex jitfejjaq il-kankru. Ifisser dan li r-rebha fuq il-kankru tkun sehhet u li hadd issa mhu ser imut bil-marda tal-kankru? Ir-rebha tinsab hemm u hija reali. Imma bosta jibqghu jmutu bil-marda kiefra ghaliex ma jsirux jafu bil-medicina Jew ma jkollhomx il-mezzi biex jakkwistawha.

Min-naha l-ohra - jikkummenta S. **Gwann Krizostmu** - Alia ppermetta li x-xitan jibqa' jiggieled kontrina, ghax b'dan il-mod jumiljah meta u jekk ahna napprofittaw biex minn dik il-glieda kontrih, nikbru fil-virtujiet (5).

Certament, il-motiv uniku tax-xitan hu dak li lilna jhajjarna ghall-hazin, imma jekk ahna ma nissehbux mieghu fil-hazen, allura nikbru fit-tajjeb, u l-glieda kontrina ssir ghax-xitan *boomerang* li jirritoma lejh u jkompli jweggghu.

Hmar hu min jibza' mix-xitan, ladarba jkun ma' **Kristu.**

Jikkummenta l-Prof. Seattle illi jekk ix-xitan, bil-makakkerija u s-setgha kollha tieghu jissupera l-limiti tan-natura umana, madankollu hu ma jissuperax lil Kristu. Huna l-kbir hu s-sinjur taghna. U allura lanqas jissupera lilna, sakemm ahna maghqudin ma' Kristu (6).

"Ir-ruh maghquda ma' Gesu -jikkummenta San Gwann tas-Salib - iggib biza' lix-xitan daqskemm igiblu biza' Kristu nnifsu" (7).

Sta Tereia t'Avila tkompli tghid illi meta hi maghquda ma' Kristu, ix-xitan ibezzaghha daqskemm tbezzaghha dubbiena jew nemla (8).

Esagerazzjoni? Kontradizzjoni ma' dak li nsibu fl-Iskrittura, **illi** x-xitan huwa bhal ljun jghajjat, ifittex lil min jibia'? (ara *1 **Piet** 5:8).*

Huma zewg aspetti komplementari. Il-ggant Golija kien ibezza' lill-Israelin minhabba l-qawwa u l-kobor tieghu, imma ma bezzax lil David li kien qed jafda f'Alla ta' l-ezercti.

**San Frangisk jinki lix-xitan**

Ilium imdorrijin niehdu l-vitamini jew pilloli biex jipproteguna kontra l-virus u l-mard. Min jissuggerixxi haga u min ohra; min jippreferi l-pirmla u min jippreferi l-haxix.

San Frangisk kien kontinwament itturmentat mix-xitan, u ghaldaqstant kellu bzonn hu wkoll isib l-antidotu kontra l-velenu biex jippreveni l-attakk.
U tafu x'kien jissuggerixxi lil shabu? **Il-Ferh spiritwali (la perfetta letizia).**

Ix-xitan jifrah - kien jghid il-qaddis - meta jimexxilu jisraq il-ferh tal-qalb. Jipprova jwaddab it-trab, imqar mix-xquq dojoq, tal-kuxjenza u hekk ihammeg il-bjuda tal-mohh

u l-purita tal-hajja. Imma - ikompli jghid -jekk ix-xitan isib fina l-ferh ta' l-ispirtu, allura ghalxejn is-serpent jipprova jwaddab il-velenu mortali tieghu. Id-demonju ma jirnexxilux igib hsara f'dak li hu mimli bil-ferh qaddis ta' Alia. Ghall-kuntrarju, jekk ir-ruh hija mdejqa, melankonika, abbattuta, allura facli li din tingarr jew minn dwejjaq ta' disperazzjoni jew minn ferh superficjali li joffrilha x-xitan. Ghalhek - jikkummenta l-istoriku ta' San Frangisk **Tumas minn Celano** - il-qaddis kien dejjem ifittex li jkun ferhan u mimli hena tal-qalb, u hekk jikkonserva fih "iz-zejt tal-ferh" **(I'olio della letizia**). Kien jevita b'attenzjoni kbira l-melankonija, filwaqt li kien jigri kemm jiflah lejn it-talb, malli kien jinduna li l-inqas dieqa ser tahkem lil qalbu (9).

Hekk ukoll kien jahsibha S. **Tumas t'Aquino**: il-ferh spiritwali jkecci lix-xitan u jirbhu (10).

**Nilaghbu loghba, sur Xitan?!**

Naf li qed nissogra, u forsi wkoll qed nitkessah, imma minn dejjem kelli xewqa nilghab loghba poker max-xitan. U x-xitan accetta. U darba laghbna flimkien.

**L-ewwel karta** waddabha hu: fuqha kien hemm miktub

**INKWIET**.

Ix-xitan spiss juzaha din il-karta: inkwiet dwar il-passat, inkwiet dwar il-prezent, inkwiet meta nahseb li mhux qed nirnexxi, inkwiet meta tidhol fija l-ambizzjoni u l-affermazzjoni tal-personalita tieghi, inkwiet meta nibda nghir, inkwiet meta nibza' li l-ohrajn jitkellmu hazin fuqi, inkwiet meta nibza' mix-xjuhija...

U mgharraq li hu, ikompli jghakkisni bl-ugigh ta' ras, bil-hruq fl-istonku... Insomma: l-ewwel karta li waddab kienet maghzula.

Mn'Alla kelli lil Gesu hdejja. Urejtu l-karta tax-xitan u hu malajr fetahli l-Bibbja. Gew quddiem ghajnejja l-kelmiet li Gesu qal lil Pietru meta dan kien qed jithabat kontra l-mewg tal-bahar u lil Gesu qallu: **"Mghallem, Mghallem, se nintilfu**". U Gesu qallu - u issa qed jghidu lili wkoll: **"Fejn hi l-fidi taghkom?** fejn hi l-fidi tieghek" (ara *Liiqa 8:22-2 5).*

Malajr qbadt il-karta tieghi u waddabtha quddiem ix-xitan:

**FIDI**.

Rajtu jitrieghed... hassejtu qed jibza'... Induna li l-ewwel karta tilifha.

Hawwad il-karti, u waddab quddiemi ***t-tieni karta:* GHEJA.**

Mgharraq li hu: rega' ghamilhieli.

Ghajjien... ghax ix-xoghol sar l-idolu **tieghi.**

Ghajjien... ghax insejt xi jfisser tistrieh.

Ghajjien... ghax minn ghalija qed inzomm id-dinja f'idejja.

Ghajjien... ghax irrid naghmel kollox jien. Tieghi biss joghgobni. Ghajjien... ghax nahdem kemm nahdem, inhossni dejjem lura fix-xoghol.

Ghajjien... ghax minhabba x-xoghol inhossni zbilancjat, minghajr ekwilibriju fil-hajja.

Rajtu jitbissem. Ghandu ragun. Gabha zewg.

Allura rgajt dort fuq l-Imghallem u tlabtu jghinni. Ftaht il-Bibbja u Gesu qalli biex

inhares lejn l-ghasafar ta' l-ajru u l-gilji ta' l-ghelieqi... Qalli biex nahseb fil-jum tal-lum, ghax dan ghandu diga t-toqol tieghu. **"Toqoghdux tinkwetaw ruhkom... ghax dawn huma kollha hwejjeg li jfittxuhom il-pagani" (Mt 6:25-34).**

Hadt ir-ruh u tfajt it-tieni karta quddiem ix-xitan: **FIDUCJA**. Rajtu jirrabja... Induna li tilef it-tieni karta wkoll.

Rega' hawwad il-mazz u waddabli t-tielet karta*:* **IMRAR**.

Did-darba huwa jien li bdejt nirtoghod. Induna li f'Qalbi kelli mibeghda lejn min ghamilli d-deni; kelli mrar lejn min weggaghni; kelli rabja lejn min tela' fuq rasi; kelli hsieb ta' vendetta lejn min haqarni; kelli mrar lejn min ma habbnix.

U bil-karta li waddabli, ix-xitan kompla jmelles dawn is-sentimenti tieghi.

Mohhi beda jhewden kif ser inpattiha. Qalbi bdiet tihrax kontra dawk li saru ghedewwa tieghi. Intlift..., u ghal ftit ma waddabtx il-mazz tal-karti tieghi fl-ajru u ninghata bhala tellief.

Imma Gesu taptapli fuq spaliti u qalli mill-gdid biex niftah il-Bibbja.

U qalli: **"Hobbu l-ghedewwa taghkom, aghmlu l-gid lil min jobghodkom, bierku lil min jishetkom, itolbu ghal min iieblahkom (Lq 6:27-28).**

Sibt il-karta adatta, u waddabtha quddiem ix-xitan: MAHFRA. Ix-xitan qam minn postu, irrabjat. Rajt nar ta' mibeghda johrog minnu. Ghalih din hija karta tahraq izzejjed. Ma setax jissaportiha. U r-rabja lejja zdiedet. Ma setax igerrah li kien qed jitlef.

U allura b'attenzjoni kbira fittex ir-raba' karta u waddabha goff goff quddiemi: FLUS.

Il-flus jaghmu lil kulhadd, u jien miniex eccezzjoni.

Kont hsibt li din mhix problema tieghi, sakemm ix-xitan beda jfesfes f'widnejja u jurini s-sbuhija taghhom.

Bil-flus... tista' taghmel karitajiet kbar; tista' tohloq opri ghall-gid ta' l-ohrajn; tista' taghmel triq fil-bahar; tista' tghannaq u tbus;

tista' tkun indipendenti u hekk ma tkun ta' piz ghal hadd; tista' tiffranka hafna nkwiet u hekk tghix izjed seren. Insomma... il-flus huma sbieh.

Rajthom ileqqu, kollha xejxi...

U kwazi kwazi spiccajt nadurahom, bhall-ghogol tad-deheb.

Ix-xitan induna li kien qed idahhalni fl-ixkora, u tbissimli. U serrahli mohhi li hu kien lest jghinni nakkwista izjed... u izjed... u izjed...

Donni stordejt u nsejt li hdejja kien hemm Gesu. Kos, anki Gesu seta' kieku ried jaghtini hafna ghana. Lix-xitan ma kellux diffikulta jikkompetilu. Allura?

Ftaht il-Bibbja u sibt hekk: "tgeddsux ghalikom tezori f'din id-dinja, fejn kollox jitmermer bil-kamla u s-sadid, u fejn il-hallelin jinfdu u jisirqu. Izda gemmghu ghalikom tezori fis-sema, fejn xejn ma jitmermer u la bil-kamla u lanqas bis-sadid u fejn ma hemmx hallelin jinfdu ujisirqu. Ghax fejn hemm it-tezor tieghek, hemm tinsab qalbek ukoll" (Mt 6:19-21).

Sibt ir-raba' karta u waddabtha quddiem ix-xitan: GENNA. Ir-raba' karta tilifha wkoll.

Wasalna ghall-ahhar karta. Ix-xitan kien jidher li baqaghlu bomba f'idejh. Kien ferhan bil-karta li kellu. Kien donnu konvint li quddiem din kien serjirbah. Ghalhekk hallieha ghall-ahhar.

U b'harsa qarrieqa, b'dahka sarkastika, b'wicc malizzjuz, b'gentilezza ta' moghdija ta' zmien, pogga quddiemi l-ahhar karta*:* **QTIGH IL-QALB.**

Din mhix karta tac-cajt. Biha tellef lil hafna l-paci tal-qalb; biha ttanta lill-qaddisin l-izjed kbar; biha pprova sahansitra jwaqqa' lil Gesu fil-Getsemani u fuq il-Kalvarju.
U biha pprova jwaqqa' lili wkoll.

Qalbi maqtugha... quddiem il-mixja tieghi spiritwali!
Qalbi maqtugha... quddiem dnubieti li ma jirnexxili **qatt** nirbahhom!
Qalbi maqtugha... quddiem is-sofferenza tal-hajja!
Qalbi maqtugha... meta taibi majinstemax!
Qalbi maqtugha... quddiem l-aridita u d-dezert li tant drabi nghaddi minnu.
Hassejtni ser incedi. Hassejtni bla forzi. Hassejtni mitfugh fl-art, bhall-boxer mimdud fuq il-gverta tar-ring taht knock out.

Harist b'harsa miksura lejn Gesu u dan qalli: **"Ejja ghandi int li tinsab imhabbat u mtaqqal u jiena nserrhek" (Mt. 11:28)**.

Qbadt malajr il-karta tieghu u waddabtha quddiem Satana:
**GESU**.
Quddiem il-karta tieghi - **GESU** - Satana harab. It-telfa tieghu hija mparabbli!

Tkessaht... abbuzajt... issugrajt... imma rbaht.

Huwa riskju tilghab max-xitan, imma huwa riskju kkalkulat ghaliex il-vera loghba mhix bejni u bejnu imma bejnu u bejn Gesu.

Bir-ragun kollu, il-Kard. Suenens jghid illi l-qalba tat-teologija nisranija mhix id-demonologija, imma l-Kristologija (10).
Nitkellmu dwar ix-xitan mhux biex naghtuh importanza daqskemm biex nuru l-qawwa ta' Kristu, li rebhu u umiljah.
Il-Vangelu hu l-Ahbar it-Tajba. Ahna ghandna tassew ghaliex nifirhu, ghaliex ahna *l-Poplu ta' l-Ghid.*

Hija hasra li bosta nsara jghixu f'biza' ossessiv mix-xitan. Jaraw kullimkien ix-xjaten u jibzghu li Satana ser iqarraq bihom il-hin kollu. Zgur li bl-ebda mod ma rridu nnaqqsu l-qawwa tax-xitan kontrina; imma min-naha l-ohra, l-ossessjoni taghna ghandu jkun Kristu u mhux ix-xitan.

*Kristu qam minn bejn l-imwiet! Kristu rebah! U ahna sirna l-poplu ta' l-Ghid u l-ghanja taghna hija ALLELUJA.*

**TMIEM IL-KTIEB**

**"... Fuq din il-blata, jiena nibni l-Knisja tieghi, u bibien l-infern ma jeghlbuhiex" (Mt 16:18)**

Xi jfisser li bibien 1-infern ma jeghlbux lill-Knisja ta' Kristu?

Darba kont nimmagina 1-konflitt bejn il-Knisja u 1-infem bhal girja tal-qattus wara 1-gurdien.

Naturalment, ghalija l-Knisja kienet il-gurdien u 1-qattus kien ix-xitan.

Satana dejjem kont nimmaginah kbir, setghan, intelligenti... filwaqt li lill-Knisja kont nimmaginaha dghajfa u zghira.

Insomma: dejjem donni rajt lill-Knisja fuq id-difensiv, u mhux fuq 1-offensiv.

Ilium imma qed nara 1-affarijiet xort'ohra.

Il-vera stampa hija dik ta' Knisja rebbieha li qed tassedja 1-infem biex tehles il-prigumeri taghha.

L-istess nghidu ghal meta Pietru jghidilna noqoghdu attenti, ghax ix-xitan hu bhal iljun jghajjat jipprova jizbranana (ara *1 Piet 5:8).*

Lix-xitan dejjem kont nahsbu ljun, ghax ma kontx qed naghti kas li 1-Iskrittura kienet qed tghidii mhux li hu ljun, imma li *qisu* ljun.

Il-veru ljun - *l-iljun ta' Guda* - huwa Kristu. Ix-xitan huwa biss impustur, imitatur. Jipprovajbezza' billi jimita. Il-glieda kontrina hija biss psikologika, fis-sens li jipprova jippoza quddiemna ta' dak li mhux.

Forsi ninsew ta' spiss li r-rebha ta' Kristu fuq il-Kalvarju rrendiet lix-xitan bla forza.

Hu ghalhekk li nikkonfondi meta nara lill-insara jirtoghdu quddiem ix-xitan.

Meta n-nies jigu ghandi jitolbuni mwerwrin biex nehlishom mix-xitan, ikolli aptit nghidilhom: "Boloh li intom. Mhux ix-xitan li ghandu jigri warajkom, imma huma intom li ghandkom tigru warajh!"

Imma dan fil-prattika x'ifisser?

Qabel xejn aghraf li 1-armi li ghandek f'idejk huma qawwijin bizzejjed biex ifarrku 1-qawwiet infemali. Jghid San Pawl:

"L-armi taghna ghall-glied m 'humiex tad-dinja;
izda ghandhom il-qawwa ta' Alia biex igarrfu l-fortizzi" (2 Kor 10:3).

L-armi tieghi m'humiex qawwijin fihom infushom, immajsim qawwijin malli dawn jghaddu minn idejn Alia.

Hija bhall-vuci: il-vuci tieghi ma twassalx biex tinstema' minn dawk kollha li jinsabu fi pjazza; imma jekk tghaddi mill-mikrofonu, allura tikber u tissahhah. U tinstema'. Hekk jigri meta 1-armi fidejj a jghaddu minn idejn Alia.

Alia jrid li 1-glieda kontra x-xitan naghmluha flimkien: Hu u ahna.

Mhux ghax Alia mhux bizzejjed! Imma... lix-xitan irid jumiljah billi jpoggih ukoll taht il-hakma taghna.

Irid igeghlu jirtoghod.

Dak il-bniedem li x-xitan ipprovajkissru, issa hu maghzul minn Kristu biex ifarrak lix-xitan!

Min-naha tieghu. Alia jaghmel il-parti li tmiss lilu. Imma jien u int, qed naghmlu l-parti li tmiss lilna? Bosta, lill-persuni ttantati, semplicement iressquhom quddiem Kristu.

Imma Kristu jisenna l-parti taghna. Jistenna l-vuci fil-mikrofonu.

Jitsenna lili u liiek li ma nibzghux mix-xitan u bil-kuragg u bl-awtorita kollha nghidulu: *Itlaq, Satana.*

L-iskop li ghalih poggejtiek dan il-ktieb fidejk, kien dan. Mhux li nbezzghek mix-xitan, imma li nurik li hu jibza* minnek.

Li ma kienx hekk, ma kontx ser nahli **dan iz-zien kollu u nikteb** ktieb fuq ix-xitan!

Ma nahsibx li hu daqshekk importanti!